



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2020
COM(2020) 324 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Inlestu għall-bidliet

**Komunikazzjoni dwar l-istat tat-tlestija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit**

Inlestu għall-bidliet

Komunikazzjoni dwar l-istat tat-tlestitja fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit

I.	INTRODUZZJONI	3
II.	BIDLIET LI JSEĦĦU FI KWALUNKWE XENARJU	5
A.	Kummerċ ta' oġġetti	6
A.1.	Formalitajiet, kontrolli u kontrolli doganali	6
A.2.	Regoli doganali u fiskali għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti (tariffi, VAT, sisa)	7
A.3.	Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet ta' prodotti, rekwiżiti ta' stabbiliment, tikkettar u immarkar	9
	Eżempji ta' konformità settorjali	10
B.	Kummerċ tas-servizzi	11
B.1.	Servizzi finanzjarji	12
B.2.	Servizzi tat-trasport	15
B.3.	Servizzi awdjobiżivi	17
B.4.	Ir-rikonoxximent tal-kwalifikasi professionali	18
C.	Enerġija	18
D.	Ivvjaġġar u turiżmu	19
	Kontrolli fuq persuni	19
	Liċenzi tas-sewqan	20
	Ir-roaming	20
	Drittijiet tal-passiġġieri	20
E.	Il-koordinazzjoni tal-mobilità u tas-sigurtà soċjali	21
F.	Id-dritt tal-kumpaniji u d-dritt ċivili	22
F.1.	Kumpaniji rreġistrati fir-Renju Unit	22
F.2.	Għażla kuntrattwali tal-ġuriżdizzjoni	23
G.	Aspetti oħra: id-data, id-drittijiet diġitali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali	23
G.1.	Il-proprjetà intellettuali	23
G.2.	Trasferimenti u protezzjoni tad-data	24
G.3.	Isem tad-dominju .eu	25
H.	Ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea	25
III.	It-tħejjiha għal kwalunkwe xenarju	27
	KAXXA: Il-Ftehim dwar il-ħruġ, inkluż il-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq	28
IV.	Konklużjoni: it-tlestitja hija essenzjali	31

I. INTRODUZZJONI

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u I-Irlanda ta' Fuq ("Ir-Renju Unit" jew "UK") ħareġ mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") – minn hawn 'il quddiem b'mod kollettiv imsejħin "I-Unjoni" – fl-1 ta' Frar 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ¹ li ġie konkluż bejn I-Unjoni u r-Renju Unit daħal fis-seħħ f'din id-data, żgura t-tluq ornat tar-Renju Unit u pprovda ċertezza tad-dritt f'oqsma importanti, inklużi d-drittijiet taċ-ċittadini, is-saldu finanzjarju u I-evitar ta' fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda (ara I-Kaxxa fil-parti III).

Bħala pajjiż terz, ir-Renju Unit m'għadux jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni. Mhuwiex rappreżentat fl-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji tal-UE, l-uffiċċji jew korpi oħra tal-Unjoni.

Madankollu, skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit u fih² għal "perjodu ta' tranżizzjoni" li jdum sal-31 ta' Diċembru 2020³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jibqa' jipparteċipa fis-Suq Uniku tal-UE u fl-Unjoni Doganali, biex jibbenefika minn politiki u programmi tal-Unjoni, u għandu jkompli jirrispetta l-obbligi tal-ftehimiet internazzjonali, li I-Unjoni hija parti fihom. Dan il-perjodu tat-tranżizzjoni, għalhekk, joffri perjodu ta' kontinwità, li I-Unjoni qed tuża biex:

1. tiżgura li I-miżuri u I-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jiddaħħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021;
2. tinnegozo ftehim dwar sħubija ġidida mar-Renju Unit, u;
3. tiżgura I-istat tat-tlestija għal meta jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni fl-1 ta' Jannar 2021, meta r-Renju Unit la se jibqa jipparteċipa fis-Suq Uniku tal-UE u tal-Unjoni Doganali, la fil-politiki u I-programmi tal-Unjoni,⁴ u lanqas mhu se jibbenefika mill-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni. Din I-għażla ġiet ikkonfermata mill-gvern tar-Renju Unit fl-approċċ tiegħu għan-negozjati dwar ir-relazzjoni futura mal-Unjoni Ewropea,

¹ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u I-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Ftehim dwar il-Ħruġ").

² Soġġett għal ċerti eċċeżżjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li minnhom l-ebda waħda ma hija rilevanti fil-kuntest ta' din il-Komunikazzjoni.

³ Skont I-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, kien ikun possibbli li dan il-perjodu ta' tranżizzjoni jiġi estiż darba, b'sena jew sentejn permezz ta' deċiżjoni konġunta mill-Unjoni Ewropea u mir-Renju Unit qabel I-1 ta' Lulju 2020. Ir-Renju Unit irrifjuta kwalunkwe deċiżjoni bħal din, li jfisser li, b'awtomatiċità legali, il-perjodu ta' tranżizzjoni se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

⁴ Minbarra dawk koperti mill-Artikolu 138 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u d-Dikjarazzjoni Politika (Peace Plus).

ippubblikata fis-27 ta' Frar 2020 kif ukoll f'dikjarazzjonijiet sussegwenti mill-gvern tar-Renju Unit⁵.

Fir-rigward tan-negojzati dwar sħubija ġdida mar-Renju Unit, is-sitwazzjoni straordinarja li tirriżulta mill-pandemija tal-coronavirus kienet tfisser li, apparti l-ewwel rawnd ta' negożjati, it-tliet rawnds sussegwenti kellhom issiru permezz ta' vidjokonferenza. Għall-istess raġuni, iż-żmien li għadda bejn l-ewwel u t-tieni rawnd kien itwal milli kien maħsub oriġinarjament.

S'issa n-negojzati ftit li xejn urew progress. Id-diskussionijiet issa ġew intensifikati matul is-sajf, bir-rawnds tan-negojzati u/jew sessjonijiet speċjalizzati skedati kull ġimgħa mid-29 ta' Ġunju 2020.

Il-Kummissjoni se tkompli tinnegozja abbażi tal-mandat mogħti lilha mill-Kunsill fi Frar 2020 u bl-appoġġament tal-Parlament Ewropew. Is-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw abbozz ta' test legali dettaljat⁶ skont dan il-mandat. L-objettiv tagħna huwa li nikkonkludu, sa tmiem l-2020, sħubija ambizzjużla li tkopri wkoll l-oqsma li sar qbil dwarhom mar-Renju Unit fid-Dikjarazzjoni Politika⁷. Dik id-dikjarazzjoni ġiet approvata mill-mexxejja kollha tal-UE u mill-Prim Ministro Johnson fis-17 ta' Ottubru 2019.

Minkejja dan, anki jekk sa tmiem l-2020, l-Unjoni Ewropea u r-Renju unit jikkonkludu sħubija ambizzjużla li tkopri l-oqsma kollha miftiehma fid-Dikjarazzjoni Politika, ftehim bħal dan jaist' joħloq relazzjoni li tkun differenti ħafna mill-parcipazzjoni tar-Renju Unit fis-Suq Uniku tal-UE⁸ u fl-Unjoni Doganali, u fiż-żona tal-VAT u tad-dazju tas-sisa.

Inevitabbilment, il-fatt li r-Renju Unit mhux se jibqa' jipparteċipa fil-politiki tal-Unjoni sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se joħloq ostakli għall-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi u għall-mobilità u l-iskambji transfruntiera li ma jeżistux illum. Dan se jseħħi fiż-żewġ direzzjonijiet, jiġifieri mir-Renju Unit lejn l-Unjoni, kif ukoll mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit. L-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negożji, iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fuq iż-żewġ naħħat se jiġu affettwati u għalhekk iridu jħejju ruħhom.

L-għażiex magħmula mill-gvern tar-Renju Unit dwar ir-relazzjoni futura u dwar li ma jiġix estiż il-perjodu ta' tranżizzjoni jfissru li dawn l-interruzzjonijiet inevitabbi se jseħħu mill-1 ta'

⁵ HM Governement, "The Future Relationship with the Union: The UK's Approach to Negotiations" (Ir-relazzjoni futura mal-Unjoni: L-Approċċ tar-Renju Unit għan-Negożjati), is-27 ta' Frar 2020.

⁶ L-abbozz tat-test tal-Ftehim dwar is-Sħubija l-ġidha bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, ippubblikat fis-17 ta' Marzu 2020, ara: https://ec.europa.eu/info/publications/draft-text-agreement-new-partnership-united-kingdom_en

⁷ Test rivedut tad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif miftiehma fil-livell tan-negożjaturi fis-17 ta' Ottubru 2019, ĠU C34, 31 ta' Jannar 2020, 1–16.

⁸ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdix għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il- "prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Bi ftehim ta' kummerċ ħieles hemm formalitajiet u kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħha, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Jannar 2021 u jirriskjaw li jżidu l-pressjoni li n-negozji diġà għandhom minħabba t-tifqigħha tal-COVID-19.

Huwa essenzjali li l-partijiet ikkonċernati kollha jkunu konxji ta' dan, u li jiżguraw li dawn ikunu lesti għal dawn il-bidliet wiesa' u estensivi, li se jirriżultaw *fi kwalunkwe xenarju*, irrispettivament mill-eżitu tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit. Ma hemm l-ebda lok għall-kompjaċenza jew il-posponiment tal-miżuri għall-istat tat-tlestija u tal-miżuri tal-adattament b'antiċipazzjoni li ftehim jista' jiżgura l-kontinwitā, minħabba li numru kbir ta' bidliet sejkun innevtabbli.

Din il-Komunikazzjoni bl-ebda mod ma tfittex li tippregħudika r-riżultat tan-negozjati, u lanqas ma tfittex li teżamina l-implikazzjonijiet eventwali ta' nuqqas ta' ftehim dwar sħubija futura. Minflok, għandha l-għan li tenfasizza l-oqsma ewlenin li fihom bidla se tkun inevitabbi u li tiffaċilita l-istat tat-tlestija u t-tħejjijiet taċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u l-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha għal dawn l-interruzzjonijiet inevitabbi.

B'mod partikolari, in-negozji għandhom jikkunsidraw li jirrevedu l-pjanijiet tat-tħejjija eżistenti tagħhom. Għalkemm dawn kienu mfassla għar-riskju tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ - xenarju li ma seħħix - parti minn dik il-ħidma xorta se tibqa' rilevanti ħafna għall-bidliet fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni qed tirrevedi wkoll il-ġabra kollha ta' 102 avviż lill-partijiet ikkonċernati li ppubblikat matul il-fażi tan-negozjati dwar il-ħruġ, li l-biċċa l-kbira tagħhom għad-dharr rilevanti għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. S'issa, 51 minn dawn l-avviżi ġew aġġornati biex jirriflettu l-bidliet li se jseħħu fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u aġġornamenti oħrajn se jiġu ppubblikati dalwaqt. Hemm lista tagħhom fl-Anness I ta' din il-Komunikazzjoni.

II. BIDLIET LI JSEĦĦU FI KWALUNKWE XENARJU

Din it-taqSIMA tipprovdha ħarsa ġenerali lejn l-oqsma ewlenin ta' bidla li se jseħħu **fi kwalunkwe każ** minn tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni, kemm jekk ikun hemm ftehim dwar sħubija futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit u kemm jekk le.

Il-bidliet deskritti hawnhekk se jirriżultaw awtomatikament mill-fatt li, mill-1 ta' Jannar 2021, il-perjodu ta' tranżizzjoni li jippermetti l-parteċipazzjoni temporanja tar-Renju Unit fis-Suq Uniku tal-UE u fl-Unjoni Doganali se jispiċċa, u b'hekk jintemm il-moviment liberu tal-persuni, il-prodotti u s-servizzi. It-tluq mis-Suq Uniku u l-Unjoni Doganali se jwassal għal ostakli addizzjonali għall-kummerċ u għall-mobbiltà transfruntiera tal-persuni, u sejkun meħtieġa aġġustamenti kemm min-naħħa tal-Unjoni kif ukoll min-naħħa tar-Renju Unit. Billi jitlaq mill-Unjoni, ir-Renju Unit qed jitlaq ukoll mill-ftehimiet internazzjonali kollha tal-Unjoni, awtomatikament u bil-liġi.

Jekk għadhom ma għamlux dan, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini fl-Unjoni għandhom, b'mod urġenti, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-istat tat-tlestitja biex iħejju għal dawn il-bidliet bil-ħsieb li jimminimizzaw kemm jista' jkun l-ispejjeż tat-tfixxil.

A. Kummerċ ta' ogħġetti⁹

Il-bidliet deskritti fis-subsezzjonijiet mhumiex se japplikaw fir-rigward tal-kummerċ bejn l-UE u l-Irlanda ta' Fuq, fejn il-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, li huwa parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ, se japplika minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, flimkien ma' kwalunkwe ftehim dwar sħubija futura¹⁰.

F'konformità ma' dak il-Protokoll, ir-regoli tal-Unjoni relatati mal-ogħġetti (inklużi r-regoli fiskali, jiġifieri t-tassazzjoni indiretta u r-regoli mhux fiskali) u l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni se jkomplu japplikaw ukoll għall-Irlanda ta' Fuq (ara l-Kaxxa fil-Parti III għal aktar informazzjoni).

A.1. Formalitajiet, kontrolli u kontrolli doganali

Matul il-perjodu tat-tranżizzjoni, ir-Renju Unit huwa parti mis-Suq Uniku tal-UE u l-Unjoni Doganali. Għalhekk, bħalissa ma hemm l-ebda formalità doganali għal ogħġetti li jiġu mċaqlqa bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit mhux se jibqa' parti mill-Unjoni Doganali tal-UE. Għalhekk, il-formalitajiet doganali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni se japplikaw għall-ogħġetti kollha li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni mir-Renju Unit, jew li jitilqu dak it-territorju doganali biex imorru r-Renju Unit.

Dan se jseħħi anke jekk tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles ambizzu ja mar-Renju Unit, li tipprovdi għal tariffi zero u kwoti zero fuq ogħġetti, b'kooperazzjoni doganali u regolatorja.

Min-naħħa tal-UE, l-awtoritajiet doganali se jwettqu kontrolli abbażi tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, skont is-sistema komuni bbażata fuq ir-riskju applikata għal kwalunkwe fruntiera esterna oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment ta' ogħġetti f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi. Dawn il-kontrolli x'aktarx iwasslu għal żieda fil-piżżejjiet amministrattivi għan-negozji u ħinijiet itwal ta' konsenza fil-katini tal-provvista loġistika.

Mill-1 ta' Jannar 2021, in-negozji tal-UE li jixtiequ jimportaw mir-Renju Unit jew jesportaw lejn ir-Renju Unit se jkollhom jiżguraw li jkollhom numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI, Economic Operators Registration and

⁹ Il-Ftehim dwar il-ħruġ jippermetti li l-ogħġetti mqiegħda fis-suq qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jibqgħu jkunu disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit sakemm jaslu għand l-utent finali, mingħajr il-ħtieġa ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, tikkettar mill-ġdid jew modifikasi tal-prodott.

¹⁰ Soġġett għall-kunsens, erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, mill-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq għall-applikazzjoni kontinwa tal-Protokoll.

Identification)¹¹ sabiex jgħaddu minn formalitajiet doganali. Barra minn hekk, numri EORI maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-Unjoni. In-negozji bbażati fir-Renju Unit li jixtiequ jimportaw fl-Unjoni jeħtieġ li jirċievu numru EORI tal-UE jew jaħtru rappreżentant doganali tal-Unjoni fejn applikabbli. Barra minn hekk, mill-1 ta' Jannar 2021, l-awtorizzazzjonijiet tal-Operator Ekonomiċi Awtorizzati jew awtorizzazzjonijiet oħra maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-Unjoni. Jekk l-operaturi ekonomiċi jixtiequ jiksbu awtorizzazzjonijiet tal-UE, jeħtieġ li japplikaw għalihom fi Stat Membru tal-UE.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negozji tal-UE għandhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-formalitajiet u l-proċeduri għan-negozju mar-Renju Unit bħala pajjiż terz mill-1 ta' Jannar 2021. Dawn għandhom iqisu wkoll l-obbligli amministrattivi u l-perjodi ta' żmien potenzjalment itwal li jirriżultaw minn dawn il-formalitajiet u l-proċeduri. Dan jista' jinvolvi bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-ktajjen tal-provvista eżistenti. In-negozji huma responsabbi mill-valutazzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa fid-dawl ta' dawn il-bidliet, fl-isfond tas-sitwazzjoni individwali tagħhom.

L-amministraturi tal-Istati Membri tal-UE ħejjew il-punti ewlenin tal-passaġġ tal-fruntieri u żviluppaw soluzzjonijiet biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni f'dan il-kuntest. Jekk meħtieġ, dawn għandhom ikomplu jimplimentaw u jirfinaw dawn l-għażiex, u jkomplu bl-isforzi tagħhom biex iqajmu kuxjenza fost in-negozji, b'mod partikolari billi jimmiraw partikolarm lejn l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)¹².

A.2. Regoli doganali u fiskali għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti (tariffi, VAT, sisa)

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit huwa parti mill-Unjoni Doganali tal-UE u parti mit-territorju tal-VAT u s-sisa tal-UE.

Għaldaqstant, l-ebda tariffa jew kwota ma hija applikata fuq oġġetti nnegozjati bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, u ma hemmx bżonn li tintwera l-oriġini tal-merkanzija nnegozjata.

Barra minn hekk, ir-reġim applikat għat-taxxi (VAT, dazji tas-sisa) huwa dak applikat għall-kummerċ intra-Unjoni, li jfisser li m'hemmx bżonn ta' kontrolli rispettiva fil-fruntiera bejn ir-Renju Unit u I-Unjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-istatus tal-oriġini tal-oġġetti nnegozjati sejkollu jintwera sabiex huma jkunu intitolati għal trattament preferenzjali skont ftehim futur eventwali bejn I-UE u r-Renju Unit. L-oġġetti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-oriġini sejkunu soġġetti għal dazji

¹¹ In-numri EORI huma numri ta' identifikazzjoni li n-negozji u l-persuni kollha li jixtiequ jagħmlu kummerċ barra mill-UE jridu jużaw għall-identifikazzjoni fil-proċeduri u l-formalitajiet doganali kollha u b'mod aktar ġenerali meta jiskambjaw informazzjoni ma' amministrazzjonijiet doganali.

¹² Matul il-fażi tal-ħruġ tar-Renju Unit, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali nazzjonali digħi għħamlu disponibbli għadd sinifikanti ta' avviżi informativi dettaljati dwar kif se jiġu operati l-fruntieri doganali l-ġoddha bejn I-Unjoni u r-Renju Unit.

doganali anki jekk ikun hemm fis-seħħ ftehim kummerċjali mingħajr kwota, b'kwota żero bejn I-UE u r-Renju Unit. Il-kummerċ bejn I-UE u s-ħab preferenzjali tagħha se jiġi affettwat ukoll, peress li l-kontenut tar-Renju Unit (f'termini kemm ta' materjal kif ukoll ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar) se jsir "mhux oriġinarju" f'arrangġamenti kummerċjali preferenzjali tal-Unjoni għad-determinazzjoni tal-oriġini preferenzjali tal-oġġetti li jinkorporaw il-kontenut imsemmi tar-Renju Unit. Fil-prattika, dan jinvolvi l-ħtieġa li l-esportaturi tal-UE jerġgħu jivvalutaw il-katini ta' provvista tagħhom. Jista' jkun li jkollhom jirrilokaw il-produzzjoni jew jibdlu l-fornituri għal ċerti inputs sabiex ikomplu jibbenefikaw minn arrangġamenti kummerċjali preferenzjali tal-Unjoni mas-ħab preferenzjali attwali tal-Unjoni. L-importaturi tal-Unjoni li jitkolbu trattament preferenzjali fl-UE se jkollhom bżonn jiżguraw ukoll li l-esportatur ta' pajiż terz ikun jista' jagħti prova li l-oġġetti huma konformi mar-rekwiżiti dwar l-oriġini preferenzjali wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Jenħtieġ li jiġi nnutat li, sabiex jinżamm l-i-status ta' oriġini preferenzjali tagħhom, l-oġġetti se jkunu jeħtieġu jissodisfaw id-dispożizzjonijiet relatati mat-trasport dirett/nuqqas ta' manipulazzjoni inklużi fil-ftehimiet preferenzjali tal-UE jekk jgħaddu mit-territorju tar-Renju Unit jew jieqfu fi.

Barra minn hekk, it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) se tkun dovuta mal-importazzjoni tal-oġġetti li jiddaħħlu fit-territorju tal-VAT tal-Unjoni Ewropea mir-Renju Unit, bir-rata li tapplika għall-provvisti tal-istess oġġetti fl-Unjoni. L-oġġetti esportati mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit se jkunu eżentati mill-VAT jekk jintbagħtu jew jiġu trasportati lejn ir-Renju Unit, kif ikun il-każ għal kwalunkwe destinazzjoni barra mill-Unjoni Ewropea. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-fornitur tal-oġġetti esportati jrid ikun kapaċi jagħti prova li l-oġġetti telqu mill-Unjoni.

Bħal kwalunkwe importazzjoni minn pajiżi terzi fl-Unjoni, id-dazji tas-sisa għal oġġetti soġġetti għas-sisa (xorb alkoħoliku, prodotti tat-tabakk, eċċ.) se jkunu dovuti mal-importazzjoni fl-Unjoni, u pagabbli meta l-oġġetti jitqiegħdu fis-suq. Fil-futur, l-importazzjonijiet mir-Renju Unit jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal miżuri antidumping, kumpensatorji jew ta' salvagwardja fil-qafas tal-politika ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni Ewropea.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negożjanti jridu jkunu kapaċi juru l-i-status tal-oriġini tal-oġġetti nnegozjati sabiex dawn ikunu intitolati għal trattament preferenzjali skont ftehim futur bejn I-UE u r-Renju Unit. L-oġġetti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-oriġini mhux se jibbenefikaw minn dawk il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali.

In-negozji tal-UE għandhom ikunu lesti wkoll li jibdew jittrattaw kwalunkwe kontenut tar-Renju Unit (inputs u proċessi) bħala "mhux oriġinarji" fil-kuntest tan-negozju mal-pajjiżi sħab preferenzjali attwali tal-Unjoni, sabiex ikun żgurat li l-esportazzjonijiet tagħhom ikunu jistgħu

jkomplu jibbenefikaw mit-trattament preferenzjali mogħti mill-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-Unjoni, f'kull każ minn tmiem il-perjodu ta' tranžizzjoni¹³. Il-kontenut tar-Renju Unit inkorporat f'oġġetti miksuba f'pajjiżi terzi li l-Unjoni jkollha arrāġamenti kummerċjali preferenzjali magħhom u li jiġu importati fl-Unjoni ukoll se jkun "mhux orīginarju". Ir-Renju Unit, għalhekk, se jkun pajjiż terz għall-fini tar-regola tat-trasport dirett/tan-nuqqas ta' manipulazzjoni u n-negozji għandhom jadattaw il-loġistika tagħhom skont dan.

Barra minn hekk, in-negozji tal-UE għandhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proċeduri rilevanti tal-VAT u jħejju għall-applikazzjoni tagħhom. Huma għandhom iqisu żieda fl-obbligli amministrattivi u dewmien potenzjali fejn rilevanti. Dan jista' jinvolvi bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-ktajjen tal-provvista u l-proċessi tal-kontabilità eżistenti.

L-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE għandhom iħejju għall-piż addizzjonali li jinħoloq minn dawn il-bidliet, kemm f'termini ta' persunal u ta' taħriġ, u jżidu s-sensibilizzazzjoni, filwaqt li jkunu mmirati b'mod partikolari lejn intrapriżi żgħar u medji.

A.3. Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet ta' prodotti, rekwiżiti ta' stabbiliment, tikkettar u immarkar

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku, inkluż fis-Suq Uniku għall-oġġetti. L-oġġetti jistgħu jiġu nnegozjati liberament bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli grazzi għall-eżistenza ta' qafas regolatorju uniku tal-Unjoni għat-taqiegħid fis-suq ta' oġġetti, inklużi regoli tekniċi armonizati, standards tas-sikurezza u ambjentali, u rikonoximent reċiproku. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, bħall-aġenzijsi tal-UE, jissorveljaw il-funzjonament tajjeb ta' dan il-qafas.

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Unjoni u r-Renju Unit se jkunu żewġ spazji regolatorji u legali separati.

Dan ifisser li l-prodotti kollha esportati mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit se jkollhom jikkonformaw mar-regoli u mal-istandardi tar-Renju Unit u se jkunu soġġetti għal kwalunkwe verifika ta' konformità regolatorja u kwalunkwe kontroll tal-importazzjonijiet applikabbi. Bl-istess mod, il-prodotti kollha importati mir-Renju Unit lejn l-Unjoni se jkollhom jikkonformaw mar-regoli u l-istandardi tal-Unjoni u se jkunu soġġetti għall-verifikasi kollha tal-konformità regolatorja u għall-kontrolli fuq l-importazzjonijiet għall-finijiet tas-sikurezza, tas-saħħa u finijiet oħra tal-politika pubblika.

In-negozji tal-UE li attwalment jiddistribwixxu prodotti li ġejjin mir-Renju Unit se jsiru esportaturi jew importaturi għall-prodotti li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Dan ifisser li jridu jikkonformaw mal-obbligli ta' esportatur jew importatur skont ir-regoli tal-Unjoni applikabbi.

Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, min-naħħa tal-Unjoni:

¹³ Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, inklużi d-dikjarazzjonijiet tal-fornitur fuq żmien twil se jkollhom jiġu adattati skont dan.

- Iċ-ċertifikati jew l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit jew minn korpi bbażati fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi għat-tqiegħid fis-suq ta' prodotti fis-suq tal-Unjoni. Dan ifisser, pereżempju, li vettura bil-mutur b'approvażzjoni tat-tip maħruġa mir-Renju Unit ma tistax tibqa' titqiegħed fis-suq tal-Unjoni. Meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun teħtieġ ċertifikazzjoni minn Korp Notifikat tal-UE – eżempju għal xi tagħmir mediku, makkinarju, tagħmir ta' protezzjoni personali jew prodotti għall-bini - il-prodotti ċertifikati minn korpi bbażati fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jitħallew jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.
- Meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ reġistrazzjoni ta' prodotti f'bażijiet tad-data, jista' jkun li dan ikollu jsir minn importatur fl-Unjoni jew rappreżentant awtorizzat tal-manifattur tar-Renju Unit¹⁴.
- Meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi rekwiżit li jridu jkunu stabbiliti fl-Unjoni għal ġċertu operaturi ekonomiċi jew persuni fizċi jew ġuridiċi (eż. rappreżentanti awtorizzati ta' manifatturi ta' pajjiż terz jew "persuni responsabbi" għal konformità regolatorja), l-istabbiliment fir-Renju Unit ma jibqax jiġi rikonoxxut fl-Unjoni. Dan ifisser li se tkun meħtieġa rilokazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat/il-persuna responsabbi mir-Renju Unit lejn l-Unjoni, jew ikollhom jinħatru rappreżentant awtorizzat /persuna responsabbi ġodda li jkunu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea.
- L-immarkar jew it-tikettar tal-oġġetti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, li jirreferu għal korpi jew persuni stabbiliti fir-Renju Unit, mhux se jibqa' konformi mar-rekwiżiti tat-tikkettar tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, ir-regoli tal-Unjoni li jipprobixxu jew jirrestrinġu ġerti importazzjonijiet/esportazzjonijiet ta' oġġetti¹⁵ għal raġunijiet ta' politika pubblika bħall-protezzjoni tas-saħħha, is-sikurezza u l-ambjent se japplikaw għal negozju mar-Renju Unit, bħal fi kwalunkwe pajjiż terz.

<i>Eżempji ta' konformità settorjali</i>	
<i>Prodotti kimiċi</i> Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-regoli tal-Unjoni dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) ¹⁶ mhux se jibqgħu japplikaw fir-Renju Unit.	<i>Il-prodotti tas-saħħha (tagħmir mediku u prodotti mediċinali għal użu mill-bniedem jew veterinarju)</i> Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit se joħroġ mis-sistema regolatorja tal-Unjoni għal prodotti mediċinali u tagħmir mediku.

¹⁴ Pereżempju fil-każ tal-Bażi tad-Data Ewropea tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL).

¹⁵ Eżempji jinklu skart, armi tan-nar, "oġġetti b'użu doppu", eżemplari ta' speċijiet fil-periklu, u ġerti sustanzi kimiċi perikolużi.

¹⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

<p>Ir-reġistrazzjonijiet miżmuma mill-manifatturi u mill-produtturi stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-Unjoni Ewropea. Dawk l-entitajiet se jkollhom jiżguraw li s-sustanzi tagħhom jiġu rregistrați ma' manifattur jew importatur fl-Unjoni Ewropea jew jaħtri "Rappreżentant Uniku" fl-Unjoni Ewropea bħala reġistrant għas-sustanza.</p> <p>L-utenti downstream se jkollhom jivverifikaw jew is-sustanzi li jużaw humiex irregistrați ma' reġistrant stabbilit fl-Unjoni Ewropea. Jekk dan mhuwiex il-każ, jeħtieġ li huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> • jadattaw il-katina ta' provvista tagħhom skont dan (jiġifieri jidtegħi kien id-dokumenti alternativ); • jivverifikaw jekk ir-reġistrant tar-Renju Unit li jittrattaw miegħu hux bi ħsiebu jaħtar "Rappreżentant Uniku" fl-Unjoni Ewropea; jew • jirreġistraw is-sustanza fil-kapaċità tal-importatur. 	<p>Għalhekk:</p> <ul style="list-style-type: none"> • id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-taqiegħid fis-suq jeħtieġ li jkunu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea; • l-ittestjar u s-siti ta' ħruġ tal-lottijiet jeħtieġ li jkunu jinsabu fl-Unjoni Ewropea; • il-persuni kkwalifikati responsabbi għall-farmakoviġilanza u għall-ħruġ tal-lottijiet (inklużi prodotti mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni) jeħtieġ li jkunu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea; • kwalunkwe prova klinika awtorizzata fl-Unjoni jeħtieġ li jkollha sponsor jew rappreżentant legali stabbilit fl-Unjoni Ewropea; • i-informazzjoni u t-tikkettar iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-kotikkettar tal-mediciċini skont it-termini tal-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni mogħtija fir-Renju Unit; • iċ-ċertifikazzjoni tat-tagħmir mediku se jkollha titwettaq minn korpi notifikati stabbiliti fl-Unjoni Ewropea.
---	--

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negozji tal-UE li jqiegħdu oġġetti fis-suq tar-Renju Unit se jkollhom jiżguraw li jikkonformaw mar-regoli kollha rilevanti tar-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 2021.

Fir-rigward tal-proċessi tal-awtorizzazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni, filwaqt li l-miżuri preparatorji kien imisshom ittieħdu fl-2019, in-negozji tal-UE għandhom jerġgħu jivverifikaw il-konformità ħafna qabel l-1 ta' Jannar 2021.

L-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu s-sensibilizzazzjoni, u jimmiraw b'mod partikolari lejn l-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'mod partikolari.

B. Kummerċ tas-servizzi

Matul il-perjodu tat-tranżizzjoni, ir-Renju Unit jipparteċipa fis-suq uniku tal-UE, inkluż is-Suq Uniku għas-servizzi. Għalhekk, in-negozji tar-Renju Unit jibbenefikaw mil-libertà tal-istabbiliment u mill-possibbiltà li jipprovdu servizzi fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE. Huma jibbenefikaw minn ambjent regolatorju u superviżorju komuni, li jfassal il-miżuri eventwali li

jistgħu jadottaw l-awtoritajiet nazzjonali. Dan l-ambjent jippermetti wkoll lill-fornituri tas-servizzi jibbenefikaw minn sistema avvanzata tar-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonali.

Barra minn hekk, f'ċerti oqsma regolati fil-livell tal-Unjoni, l-iskambju transfruntier ta' servizzi jibbenefika mill-aproċċ tal-pajjiż ta' oriġini jew mill-kunċett ta' "passaportar", li jimplika li l-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru wieħed abbażi tar-regoli tal-Unjoni tkun biżżejjed għall-aċċess għas-Suq Uniku tal-UE kollu minħabba l-armonizzazzjoni tal-istandardi, ir-regoli tekniċi u l-oqfsa regolatorji u superviżorji. Dawn il-prinċipji jirfdu l-moviment liberu ta' ġerti servizzi bejn il-pajjiżi tal-UE, pereżempju fl-oqsma finanzjarji, awdjobiżivi jew tat-trasport.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, kif previsti mit-trattati tal-Unjoni, mhux se jkunu ta' beneficiċju aktar għall-individwi u n-negozji mir-Renju Unit li joperaw fl-Unjoni Ewropea jew l-individwi u n-negozji tal-UE li joperaw fir-Renju Unit.

L-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet tar-Renju Unit taħt il-qafas tas-Suq Uniku tal-UE mhux se jibqgħu validi fl-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021. Dan għandu rilevanza partikolari għall-oqsma tas-servizzi finanzjarji, it-trasport, il-midja awdjobiżiva u s-servizzi tal-enerġija.

Sabiex ikollhom aċċess għas-suq tal-Unjoni, il-fornituri tas-servizzi tar-Renju Unit u l-professionisti stabbiliti fir-Renju Unit se jkollhom bżonn juru konformità ma' kwalunkwe regola, proċedura u/jew awtorizzazzjoni li tikkundizzjona l-provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea minn barranin u/jew kumpaniji stabbiliti barra mill-Unjoni¹⁷. Dawk ir-rekwiżiti jistgħu jiġu stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew, aktar ta' spiss, f'reġimi nazzjonali, iżda se jiġu kkundizzjonati mill-impenji meħħuda mill-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll fi ħdan il-ftehim dwar ir-relazzjoni futura mar-Renju Unit.

B'mod simili, il-fornituri tas-servizzi tal-UE u l-professionisti stabbiliti fl-Unjoni u li joperaw fir-Renju Unit se jkollhom bżonn juru konformità mar-regoli kollha rilevanti tar-Renju Unit.

B.1. Servizzi finanzjarji

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku tal-UE, inkluż fis-Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji. Għalhekk, attwalment, is-servizzi finanzjarji jistgħu jiġi pprovduti mir-Renju Unit lejn l-UE b'awtorizzazzjoni unika jew "passaport", maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, għal kull qasam ta' servizzi finanzjarji rilevanti. L-operaturi tal-Unjoni jistgħu jużaw il-“passaporti” tal-istat tagħhom biex jipprovdu servizzi finanzjarji lejn ir-Renju Unit u fihi.

¹⁷ Inklużi rekwiżiti dwar l-immigrazzjoni u l-viża, fejn applikabbli.

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-awtorizzazzjonijiet biex jiġu pprovduti servizzi mir-Renju Unit lejn I-UE kollha mhux se jibqgħu japplikaw. Il-provvista ta' servizzi finanzjarji mir-Renju Unit lejn I-UE se tkun possibbli soġġett għar-regoli tal-pajjiż terz rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat. In-negozji, banek jew investituri li attwalment jiddependu fuq dawn is-servizzi għandhom ikunu konxji ta' din il-bidla u jħejju ruħhom b'mod xieraq. Il-fornituri tas-servizzi finanzjarji tal-UE b'operazzjonijiet fir-Renju Unit għandhom iħejju ruħhom ukoll biex jirrispettaw ir-regoli kollha rilevanti tar-Renju Unit.

Skont l-oqfsa tal-ekwivalenza previsti f'ċerti atti legali tal-Unjoni, l-Unjoni Ewropea għandha l-possibbiltà li tiffaċilita l-interazzjonijiet spċifici bejn l-Unjoni u s-sistemi finanzjarji tar-Renju Unit billi tirrikonoxxi li r-reġimi regolatorji u superviżorji rilevanti tar-Renju Unit huma ekwivalenti għal-leġislazzjoni u r-rekwiżi korrispondenti tal-Unjoni. Huwa biss għadd limitat ta' dawn l-ekwivalenzi li jippermetti lid-ditti tal-pajjiżi terzi jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-klijenti tal-UE. Eżempji jinkludu l-oqsma tad-depożitorju ċentrali tat-titoli, u kontropartijiet tal-ikklerjar ċentrali (CCPs). Speċifikament għad-ditti tal-investiment, se jidħol fis-seħħ qafas tal-ekwivalenza ġdid u mtejjeb f'nofs I-2021. Fil-biċċa l-kbira tal-oqsma, bħal dawk tal-assigurazzjoni, tas-self bankarju kummerċjali jew tat-teħid ta' depożiti, l-ekwivalenza ma tippermettix lid-ditti ta' pajjiżi terzi jipprovdu servizzi lejn I-UE, iżda tippovdi ħelsien prudenzjali jew ta' rapportar lid-ditti tal-UE.

Id-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza tal-Unjoni ma jirreplikawx il-benefiċċji tas-Suq Uniku għar-Renju Unit peress li l-obbligi u s-salvagwardji tal-ekosistema tas-Suq uniku tal-UE se jieqfu japplikaw fir-Renju Unit. Id-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jistgħu jiġu rtirati unilateralement fi kwalunkwe ħin, b'mod partikolari jekk l-oqfsa tal-pajjiżi terzi jiddevjaw u l-kundizzjonijiet għall-ekwivalenza ma jibqgħux issodisfati.

Peress li l-oqfsa tal-ekwivalenza tal-Unjoni huma unilaterali, la l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza u lanqas id-deċiżjonijiet eventwali għall-għoti tal-ekwivalenza ma huma parti min-negozjati mar-Renju Unit. L-interkonnessjoni attwali bejn I-UE u s-suq tar-Renju Unit tirrikjedi li l-Kummissjoni, meta tivvaluta l-ekwivalenza, tkun partikolarmen konxja tar-riskji għall-UE f'termini ta' stabbiltà finanzjarja, trasparenza tas-suq, integrità tas-suq, protezzjoni tal-investituri u kundizzjonijiet ekwi. Barra minn hekk, l-intenzjoni ddikkjarata mill-gvern tar-Renju Unit li jiddevja mill-oqfsa regolatorji u superviżorji tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji wara l-perjodu ta' tranżizzjoni teħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ekwivalenza tar-Renju Unit f'kull qasam minn issa 'l-quddiem.

Id-Dikjarazzjoni Politika dwar ir-relazzjoni futura¹⁸ tgħid li kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-Renju Unit se jipprovaw jikkonkludu l-valutazzjonijiet ta' ekwivalenza rispettivi tagħhom

¹⁸ Ara l-Parti IV dwar is-“Servizzi Finanzjarji” tat-Test Rivedut tad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif miftiehem fil-livell tan-negożjaturi fl-17 ta’ Ottubru 2019, ĠU C34, 31 ta’ Jannar 2020, 1–16.

qabel l-aħħar ta' Ġunju 2020¹⁹. Il-Kummissjoni kkondividiet mar-Renju Unit kwestjonarji li jkopru 28 qasam ta' ekwivalenza. Sa tmiem Ġunju, ġew irritornati biss 4 kwestjonarji. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza tagħha sa tmiem Ġunju. Il-Kummissjoni se tkompli l-valutazzjonijiet abbażi ta' aktar tweġibet li qed tirċievi bħalissa. Il-valutazzjonijiet jistgħu jwasslu, f'kull qasam, għal deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jew nuqqas ta' ekwivalenza. Il-Kummissjoni se tieħu deċiżjonijiet abbażi ta' valutazzjoni komprensiva, inkluż l-interess tal-UE.

F'għadd ta' oqsma, il-Kummissjoni ma bdietx valutazzjoni, jew minħabba li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza digħi ngħataw²⁰ jew minħabba li, pereżempju, il-qafas legali tal-UE għadu mhux kompletament fis-seħħ. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar²¹, il-Kummissjoni mhijiex se tadotta deċiżjoni ta' ekwivalenza fi żmien qasir jew medju.

Fuq il-bażi tal-analiżi mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, u tat-thejjja meħuda mid-ditti tas-servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni identifikat qasam wieħed biss li jista' jippreżenta riskji għall-istabbiltà finanzjarja, jiġifieri l-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar (CCPs) tad-derivattivi. Għalhekk, fuq żmien qasir u sabiex jiġu indirizzati r-riskji eventwali għall-istabbiltà finanzjarja, il-

¹⁹ COM (2019) 349 final. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Ekwivalenza fil-qasam tas-servizzi finanzjarji

²⁰ Oqsma li fihom digħi ngħata deċiżjoni:

- Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 dwar id-derivattivi OTC, il-kontropartijiet ċentrali u r-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (EMIR), kif emendat; Art. 1(6) - Eżenzjoni tal-banek ċentrali u tal-korpi pubbliċi
- Ir-Regolament (UE) 2015/2365 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid (SFTR); Art. 2(4) - Eżenzjoni tal-banek ċentrali
- Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-strumenti finanzjarji (MIFIR); Art. 1(9) - Eżenzjoni tal-banek ċentrali
- Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq); Art. 6(5) - Eżenzjoni tal-banek ċentrali u tal-korpi pubbliċi

²¹ - Id-Direttiva 2004/109/KE - Id-Direttiva dwar it-Trasparenza - Standards Kontabilistiċi; Art. 23(4)[l-ewwel subparagrafu, il-punt (ii)] - Rekwiżiti ġenerali ta' trasparenza

- Id-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati (Awuditjar statutorju); L-Artikolu 45(6) - L-ekwivalenza mal-istandardi internazzjonali tal-awditi tal-istandardi u r-rekwiżiti fil-pajjiż terz
- Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-strumenti finanzjarji (MIFIR); Art. 33(2) - Derivattivi: eżekuzzjoni tal-kummerċ u l-obbligi tal-ikklerjar; Art. 38(3) - Aċċess għal ċentri tan-negożjar ta' pajjiżi terzi u CCPs; Art. 47(1) - Ditti tal-investiment li jipprovd servizzi tal-investiment lil klijenti professionali tal-UE u kontropartijiet eliġibbi
- Id-Direttiva 2014/65 dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (MiFID 2 - riformulazzjoni); Art. 25(4)[a] - Swieg regolati għall-finijiet ta' distribuzzjoni iktar faċli fl-UE ta' ċerti strumenti finanzjarji
- Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq MAR); Art. 6(6) - Eżenzjoni għall-attivitàajiet ta' politika dwar it-tibdin fil-klima
- Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 dwar bejgħ bin-nieques u ċerti aspetti tas-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu (SSR);
- Art. 17(2) - Eżenzjoni għall-attivitàajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq
- Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE; Art. 29(3) - Regoli ta' prospett

Kummissjoni qed tqis l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza b'limitu ta' żmien għar-Renju Unit f'dan il-qasam.

Deċiżjoni fi żmien limitat tippermetti lis-CCPs ibbażati fl-UE jkomplu jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jikklerjaw negozji rilevanti fil-perjodu qasir u medju u lill-membri tal-ikklerjar tal-UE li jieħdu u jimplimentaw il-passi meħtieġa, inkluż billi jnaqqsu l-esponent sistemiku tagħhom għall-infrastrutturi tas-suq tar-Renju Unit.

Sabiex issaħħaħ is-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tal-ikklerjar li huma ta' importanza sistemika għall-Unjoni, attwalment l-UE qed timplimenta r-Regolament EMIR 2.2. Il-Kummissjoni qed tadotta l-miżuri ta' implementazzjoni li se jiddeterminaw il-grad ta' riskju sistemiku ta' CCPs ta' pajjiż terz u l-miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ is-superviżjoni ta' tali CCPs, kif ukoll il-ħtieġa eventwali ta' miżuri ulterjuri biex jimmitagħaw dawk ir-riskji.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

L-operaturi tal-assigurazzjoni, il-banek, id-ditti tal-investiment, iċ-ċentri tan-negozjar u fornitori oħrajn ta' servizzi finanzjarji għandhom jiffinalizzaw u jimplimentaw il-miżuri preparatorji tagħhom mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020 biex ikunu lesti għall-bidliet li se jseħħu taħt ix-xenarji kollha, inkluż meta l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ma jkunux ħadu deċiżjoni dwar l-ekwivalenza fil-qasam tagħhom.

In-negozji tal-Unjoni, banek jew investituri li attwalment jiddependu fuq il-fornituri tas-servizzi tar-Renju Unit għandhom jikkunsidraw kif dan jista' jaffettwa l-operazzjonijiet tagħhom u jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex iħejju għax-xenarji kollha possibbi. Il-fornituri tas-servizzi finanzjarji tal-UE b'operazzjonijiet fir-Renju Unit għandhom iħejju ruħhom ukoll biex jirrispettaw ir-regoli kollha rilevanti tar-Renju Unit. Il-membri tal-ikklerjar tal-UE ta' CCPs tar-Renju Unit u l-klijenti tagħhom għandhom jieħdu passi attivi biex iħejju għax-xenarji kollha, inkluż billi jnaqqsu l-esponent sistematiku tagħhom għall-infrastrutturi tas-suq tar-Renju Unit.

L-UE u s-superviżuri u r-regolaturi nazzjonali se jkollhom ikomplu bid-djalogu tagħhom mal-partijiet ikkonċernati bil-għan li jiżguraw li l-azzjonijiet kollha meħtieġa għat-tlestitja jittieħdu sa tmiem l-2020.

B.2. Servizzi tat-trasport

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku, inkluż is-Suq Uniku għas-servizzi tat-trasport. Għalhekk, attwalment, is-servizzi tat-trasport, is-servizzi tat-trasport bl-ajru, u s-servizzi tat-trasport bit-triq jistgħu jitwettqu fl-Unjoni Ewropea kollha b'liċenzja waħda, maħruġa minn Stat Membru wieħed. Dan jibbenefika wkoll lill-operaturi tal-UE fir-Renju Unit matul il-perjodu tat-tranżizzjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-kumpaniji tar-Renju Unit mhux se jkunu jistgħu jwettqu servizzi tat-trasport fl-Unjoni bħala parti mis-Suq Uniku. Il-possibilitajiet u l-kundizzjonijiet għall-UE u l-

operaturi tat-trasport tar-Renju Unit li jwettqu servizzi bejn I-Unjoni Ewropew u r-Renju Unit se jiddependu fil-biċċa I-kbira fuq in-negożjati dwar ir-relazzjoni futura bejn I-UE u r-Renju Unit fil-qasam tat-trasport.

Madankollu, fi kwalunkwe każ, **mill-1 ta' Jannar 2021**, il-liċenzji maħruġa għal impriżi tal-ferroviji mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-Unjoni Ewropea, u ċ-ċertifikati u I-liċenzji maħruġa fir-Renju Unit biex jitħarrġu s-sewwieqa mhux se jibqgħu validi għall-operat ta' lokomottivi u ferroviji fis-sistema tal-ferroviji tal-UE.

L-impriżi ferrovjarji mill-Unjoni Ewropea jew mir-Renju Unit li jipprovdu servizzi transfruntiera bejn ir-Renju Unit u I-Unjoni Ewropea se jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti legali applikabbi kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fir-Renju Unit. Dan jirrigwarda I-liċenzja u ċ-ċertifikat ta' sikurezza għall-impriżza ferrovjarja, I-awtorizzazzjoni tal-materjal mobbli u I-persunal (sewwieqa tal-ferroviji). Il-partijiet interessati kkonċernati, għalhekk, għandhom jiżguraw li jkollhom liċenzji validi fl-Unjoni Ewropea għas-setturi tas-servizzi transfruntiera li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, u liċenzji validi fir-Renju Unit għat-taqsimiet tas-servizzi transfruntiera li jinsabu fit-territorju tar-Renju Unit.

Fi kwalunkwe każ, **mill-1 ta' Jannar 2021**, trasportaturi tal-ajru li għandhom liċenzji operattivi mogħtija mill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji tar-Renju Unit għall-ġarr kummerciali bl-ajru ta' passiġġieri, posta u/jew merkanzija, mhux se jkunu jistgħu jipprovdu aktar servizzi tat-trasport bl-ajru fi ħdan I-Unjoni Ewropea.

It-trasportaturi tal-ajru tal-UE u d-detenturi taċ-ċertifikati tas-sikurezza tal-avjazzjoni se jkollhom jiżguraw u jżommu konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni, inklużi r-rekwiżiti tal-linji tal-ajru dwar il-post prinċipali tan-negożju u s-sjeda u l-kontroll tal-maġġoranza tal-UE, kif ukoll mal-acquis tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni.

Fl-aħħar nett, fi kwalunkwe każ, **mill-1 ta' Jannar 2021**, I-operaturi tat-trasport bit-triq li huma stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqa' jkollhom liċenzja Komunitarja. Huma, għalhekk, mhux se jibqgħu jibbenefikaw mid-drittijiet ta' aċċess awtomatiku għas-Suq Uniku li tinvolvi tali liċenzja, jiġifieri d-dritt tal-operaturi tal-UE li jwettqu vjaġġi u li jġorru oġġetti madwar I-Unjoni.

Id-drittijiet tal-aċċess li I-operaturi tal-UE u I-operaturi tar-Renju Unit se jkollhom għas-swieq rispettivi ta' xulxin se jiddependu fuq l-eżitu tan-negożjati bejn I-UE u r-Renju Unit. Jekk ma jkunx hemm ftehim, il-kwoti limitati digħi disponibbli taħt il-mekkaniżmu tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) se jkunu disponibbli għall-operaturi tal-UE biex iwettqu vjaġġi lejn ir-Renju Unit, u għall-operaturi tar-Renju Unit biex iwettqu vjaġġi lejn I-UE.

Pariri lin-negożji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negozji kollha tat-trasport li jwettqu operazzjonijiet bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit iridu jiżguraw konformità rispettivamente mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-UE u tar-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 2021.

Id-drittijiet ta' aċċess għat-trasport bl-ajru u bit-triq bejn I-Unjoni u r-Renju Unit se jiddependu ħafna fuq l-eżitu tan-negozjati mar-Renju Unit.

Fi kwalunkwe każ, l-operaturi tat-trasport se jiġu affettwati mill-bidliet fil-formalitajiet meħtieġa meta wieħed ikun qed jaqsam il-fruntiera bejn ir-Renju Unit u l-UE²². Lill hinn mir-regoli tat-trasport spċifici, l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu sensibilizzazzjoni, immirata partikolarment lejn l-SMEs, dwar kif il-formalitajiet fil-fruntieri se jaffettwaw l-operaturi tat-trasport u tal-loġistika, kif ukoll passiġġieri u ġaddiema transfruntiera. Dan jinkludi wkoll kontrolli fuq il-fruntieri fuq persuni – li jimplika l-verifica tar-rekwiżiti ta' dħul u ta' soġġorn, l-istampar tal-passaporti u r-rekwiżiti tal-viża jekk applikabbi.

B.3. Servizzi awdjoviżivi

Matul il-perjodu tat-tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku għal servizzi awdjoviżivi. Għalhekk, attwalment, japplika l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, fejn kwalunkwe fornitur ta' servizz li huwa stabbilit fi Stat Membru u konformi mar-regoli tal-regolatur nazzjonali tal-istat jibbenfika mir-regola dwar il-libertà ta' akkoljenza u jkun kapaċi jxandar il-kontenut lil kwalunkwe Stat Membru ieħor mingħajr ma jkollu għalfejn ifittem approvazzjoni minn dak l-Istat Membru.

Mill-1 ta' Jannar 2021, in-negozji stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jibbenfika mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

Riżultat ta' dan, il-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva bbażati fir-Renju Unit se jkollhom bżonn jikkonformaw ma' kull wieħed mir-regoli tal-Istat Membru rilevanti li fih jixtiequ jipprovdū s-servizzi tagħhom.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

Il-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva stabbiliti fir-Renju Unit u li jipprovdū servizzi tal-media awdjoviżiva lill-Unjoni Ewropea għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw konformità ma' kull wieħed mir-reġimi nazzjonali fejn biħsiebhom jipprovdū servizzi. Il-fornituri tal-UE li jixtiequ jipprovdū servizzi fir-Renju Unit se jkollhom jobdu r-regoli tar-Renju Unit.

²² Bl-eċċejjoni tal-Irlanda ta' Fuq li, skont il-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, se tibqa' allinjata ma' sett limitat ta' regoli tal-Unjoni sabiex jiġu evitati l-kontrolli doganali u l-kontrolli fuq il-għażira tal-Irlanda.

B.4. Ir-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonalni

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku tal-UE, fejn jibbenefikaw mil-libertà ta' stabbiliment, mill-moviment liberu tal-persuni u mill-provvista ta' servizzi b'xejn. Għalhekk, attwalment, iċ-ċittadini tar-Renju Unit u ċ-ċittadini tal-UE li għandhom kwalifika fir-Renju Unit jibbenefikaw minn reġim ta' rikonoxximent simplifikat – f'xi każijiet awtomatiku f'pajjiżi oħra tal-UE, li jippermetti lill-professjonisti bħal tobba, infermiera, dentisti, spiżjara, veterinarji, avukati, periti jew inġiniera jiċċaqlu u jipprovdu servizzi fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit mhux se jibqa' kopert mir-regoli tal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonalni, u r-rikonoxximent tal-kwalifikasi miksuba fl-Istat Membri tal-UE mir-Renju Unit se jkunu kwistjoni ta' liġi tar-Renju Unit.

Iċ-ċittadini tar-Renju Unit, irrispettivament minn fejn ikunu kisbu l-kwalifikasi tagħhom, u ċ-ċittadini tal-UE bi kwalifikasi miksuba fir-Renju Unit se jkollhom bżonn li jkunu rikonoxxuti fl-Istat Membri rilevanti abbażi tar-regoli ta' dak il-pajjiż għal-ċittadini ta' pajjiż terzi u/jew kwalifikasi ta' pajjiż terz minn tmiem il-perjodu ta' tranzizzjoni²³.

Pariri lil persuni, negozji u amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

Il-persuni kkonċernati għandhom ifittxu li jiksbu rikonoxximent tal-kwalifika tar-Renju Unit tagħhom fl-Unjoni Ewropea qabel l-1 ta' Jannar 2021 sabiex ikunu mħejjija għat-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni. Id-deċiżjonijiet tan-negozji għandhom iqisu li minn Jannar 2021, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, tali rikonoxximent se jsir fl-Istat Membri rilevanti fuq il-bażi tar-regoli ta' dak il-pajjiż għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz u/jew il-kwalifikasi ta' pajjiż terz.

C. Enerġja

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-suq integrat tal-enerġja tal-Unjoni. Għalhekk, in-negozjar bejn l-UE u r-Renju Unit ta' prodotti tal-enerġja permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku u tal-gass huwa attwalment ġestit permezz ta' pjattaformi speċjalizzati tal-Unjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, għalkemm l-interkonnnetturi tal-elettriku u tal-gass naturalment xorta jistgħu jintużaw, ir-Renju Unit mhux se jibqa' jipparteċipa fil-pjattformi speċjalizzati tal-Unjoni. Minflok, se jintużaw soluzzjonijiet alternattivi biex jinnejgo jaw l-elettriku fuq l-interkonnnetturi mal-Gran Brittanja²⁴. Dawn għandhom jippermettu l-kummerċ tal-elettriku jkompli, għalkemm mhux bl-istess livell ta' effiċjenza bħal fis-Suq Uniku llum.

²³ Madankollu, persuni li jaqgħu taħt il-kamp tal-applikazzjoni tal-Parti Tnejn tal-Ftehim dwar il-Ħruġ se jibbenefikaw mill-applikazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku tal-UE fir-rigward tal-proċeduri għar-rikonoxximent li jkunu għadhom għaddejjin fil-31 ta' Diċembru 2020.

²⁴ Dan ma japplikax għall-interkonnnetturi tal-elettriku bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Irlanda, peress li skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-Irlanda ta' Fuq se tkompli tipparteċipa fis-Suq Uniku Integrat tal-Elettriku fil-gżira kollha tal-Irlanda.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzionijiet tal-Istati Membri

In-negozji u l-amministrazzionijiet tal-Istati Membri għandhom iqisu li, minn Jannar 2021, l-iskambji fuq l-interkonnetturi tal-elettriku mal-Gran Brittanja mhux se jiġu mmaniġġati permezz tal-pjattaformi tal-Unjoni u se jsiru fluss tal-enerġija ta' pajjiż terz. Il-partijiet interessati kkonċernati għandhom iqisu l-miżuri meħtieġa biex jadattaw għall-ambjenti regolatorju l-ġdid.

D. Ivvjaġġar u turiżmu

Kontrolli fuq persuni²⁵

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, iċ-ċittadini tar-Renju Unit jiġu ttrattati bħala ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk, bħalissa ċ-ċittadini tar-Renju Unit jibbenifika mill-moviment liberu meta jidħlu fl-Unjoni Ewropea u ż-żona Schengen.

Mill-1 ta' Jannar 2021, iċ-ċittadini tar-Renju Unit li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni Ewropea u ż-żona Schengen se jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi, u għalhekk huma soġġetti għal kontrolli bir-reqqa fil-fruntiera taż-żonna Schengen. Dan ifisser li s-soġġorn maħsub fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE ma jistax ikollu tul ta' żmien ta' aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, u ċ-ċittadini tar-Renju Unit sejkollhom jiissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Apparti hekk, ma jistgħu jibqgħux jużaw il-korsiji tal-UE/ŻEE/CH riżervati għal persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu meta jaqsmu l-fruntiera.

Ir-rekwiżiti tal-viża

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, iċ-ċittadini tar-Renju Unit jiġu ttrattati bħala ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk, mhuma soġġetti għal ebda rekwiżit ta' viża fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari meta jaqsmu l-fruntieri ta' Schengen.

Miżuri leġiżlattivi reċenti tal-UE dwar l-istat ta' tħejjija żguraw li, **mill-1 ta' Jannar 2021**, iċ-ċittadini tar-Renju Unit se jibqgħu eżentati mir-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' viżi meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea għal soġġorni għal żmien qasir (sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum). Din l-eżenzjoni mill-viża ma tipprovdix għad-dritt ta' xogħol fl-Unjoni u hija soġġetta għall-mekkaniżmu ta' reċiproċità li japplika għal pajjiżi terzi, jiġifieri tista' tiġi sospiża jekk iċ-ċittadini tal-Unjoni ma jibqgħux jingħataw aċċess mingħajr viża għar-Renju Unit għal soġġorni qosra.

Ir-regoli tal-viża se jinbidlu wkoll għal ġerti ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fir-Renju Unit meta jivvjaġġaw lejn l-Unjoni. Pereżempju, mill-1 ta' Jannar 2021, id-dokumenti ta' residenza

²⁵ Din it-taqṣima (kontrolli fuq persuni) ma tapplikax għal vjaġġi bejn ir-Renju Unit u l-Irlanda, peress li, skont il-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jkomplu jagħmlu arrangiamenti bejniethom dwar il-moviment ta' persuni bejn it-territorji tagħihom ("Iż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar"), filwaqt li jirrispettaw bis-sħieħ id-drittijiet tal-persuni fiziċċi mogħtija mil-liġi tal-Unjoni.

tar-Renju Unit mhux se jibqgħu jeżentaw lid-detentur mir-rekwiżiti tal-viża għal tranżitu fl-ajruport fl-Unjoni, u l-studenti tal-iskola residenti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jibbenefikaw awtomatikament minn aċċess mingħajr viża għall-Unjoni meta jmorru fuq ħarġiet tal-iskola.

Ivvjaġġar b'animali domestiċi

Matul il-perjodu tat-tranżizzjoni, is-sidien tal-animali domestiċi li jkunu residenti fir-Renju Unit jistgħu jużaw il-“passaport tal-UE għall-animali domestiċi” biex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar fl-Unjoni Ewropea bl-animali domestiċi tagħhom.

Mill-1 ta' Jannar 2021, passaport tal-UE għall-animali domestiċi maħruġ lil sid ta' animal domestiku li jkun residenti fir-Renju Unit mhux se jibqa' dokument validu għall-ivvjaġġar b'animali domestiċi mir-Renju Unit għal kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Ir-rekwiżiti għal animali domestiċi li jakkumpanjaw lil dawk li jkunu qed jivvjaġġaw mir-Renju Unit fil-futur se jiġu stabbiliti mill-Unjoni.

Liċenzi tas-sewqan

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, tapplika l-liġi tal-Unjoni dwar ir-rikonoximent tal-liċenzji tas-sewqan fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk, attwalment, id-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan maħruġa fir-Renju Unit jistgħu jkomplu jsuqu fl-UE mingħajr dokumentazzjoni addizzjonali.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu jibbenefikaw mir-rikonoximent reċiproku skont il-liġi tal-Unjoni. Ir-rikonoximent tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mir-Renju Unit se jiġu regolati fil-livell tal-Istati Membri. Fi Stati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 dwar it-Traffiku fit-Toroq, din il-Konvenzjoni se tapplika. Għal iktar informazzjoni għandha tiġi kkonsultata l-awtorità responsabbi tal-Istati Membri rispettivi.

Ir-roaming

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-Unjoni dwar ir-roaming tapplika fir-rigward tar-Renju Unit. Għalhekk, attwalment, ir-regolament li jiżgura roaming mingħajr imposti addizzjonali japplika fir-rigward tar-Renju Unit u fihi.

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-aċċess għar-Renju Unit għal konsumaturi tar-Renju Unit għal Roaming daqslikieku f'pajjiżek fl-Unjoni Ewropea mhux se jibqa' garantit bil-liġi tal-Unjoni; lanqas ma jiġi garantit li l-konsumaturi tal-Unjoni jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit.

Kemm l-operaturi mobbli tar-Renju Unit kif ukoll dawk tal-UE, għalhekk, se jkunu jistgħu japplikaw ħlas addizzjonali fuq il-klijenti tar-roaming.

Drittijiet tal-passiġġieri

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru, bil-ferrovija, bil-karozza tal-linja, bil-kowċ u bil-vapur, inkluża l-assistenza għal passiġġieri b'diżabbiltà jew mobilità mnaqqsa, ikomplu japplikaw għall-passiġġieri li jitilqu mir-Renju

Unit lejn Stat Membru tal-UE, irrispettivamente minn jekk it-trasportatur ikunx fir-Renju Unit jew trasportatur tal-Unjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-livell ta' protezzjoni tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bejn I-UE u r-Renju Unit se jiġi affettwat. Skont il-mod tat-trasport, il-passiġġieri ma jistgħux jibqgħu protetti bid-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE meta jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit jew minnu.

Pariri lil persuni, negozji u amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

Meta jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mir-Renju Unit, il-persuni li jkunu qed jivvjaġġaw għandhom iqisu l-bidliet relatati mal-kontrolli fuq il-fruntieri, mar-rekiżi ta' viża, mal-passaporti ta' animali domestiċi, mal-liċenzji tas-sewqan u mat-tariffi tar-roaming.

In-negozji li jipprovd servizzi tal-ivvjaġġar jenħtieġ li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-bidliet, u jista' jkun li jkollhom bżonn jadattaw il-proċessi skont dan.

L-awtoritajiet nazzjonali jridu jiżguraw li jkun hemm biżżejjed persunal disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, u jekk ikun meħtieġ, jadattaw l-infrastruttura. Għandhom jiżguraw ukoll li l-passiġġieri u l-vjaġġaturi jkunu infurmati tajeb dwar kwalunkwe bidla fid-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

E. Il-koordinazzjoni tal-mobilità u tas-sigurtà soċjali

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, iċ-ċittadini tar-Renju Unit ikomplu jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni. Iċ-ċittadini tal-UE għadhom jistgħu jużaw ukoll id-drittijiet tal-moviment liberu biex imorru u jaħdmu, jistudjaw, jibdew negozju jew jgħixu fir-Renju Unit. Ir-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali japplikaw ukoll u – skont it-termini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ – ikomplu japplikaw, anki wara tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni, għal persuni li kienu f'sitwazzjoni transfruntiera li tinvolvi r-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi wkoll id-drittijiet ta' residenza u d-drittijiet ta' xogħol ta' ċittadini tal-UE li jirrisjedu legalment fir-Renju Unit u ċittadini tal-UE li jirrisjedu legalment fi Stat Membru tal-UE wara tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni u l-membri tal-familji tagħhom²⁶.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-moviment liberu bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit se jintemm. Dan se jkollu riperkussjonijiet fuq il-faċilità tal-mobilità għaċ-ċittadini kollha tal-UE li mhumiex beneficijarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u li jixtiequ jibqgħu fir-Renju Unit għal perjodi itwal, kemm jekk huma studenti, ħaddiema, persuni rtirati jew il-membri tal-familja tagħhom. Il-movimenti kollha tagħhom lejn ir-Renju Unit se jkunu rregolati mil-ligħejiet dwar l-immigrazzjoni tar-Renju Unit. Il-Kumpaniji tar-Renju Unit li jixtiequ jirreklutaw ċittadini tal-UE jistgħu jsegwu regoli tal-UE li ma japplikaw illum skont ir-reġim tal-Unjoni. Il-movimenti

²⁶ Ċittadini tal-Unjoni, minbarra dawk b'ċittadinanza Irlandiża, jeħtieġ li japplikaw biex jiksbu status “stabbilit” jew “li jippreċedi l-istatus ta’ stabbilit” skont l-iskema għall-Kisba tal-Istatus ta’ Stabbilit.

kollha lejn I-UE ta' ċittadini tar-Renju Unit li mhumiex beneficijarji tal-Ftehim dwar il-ħruġ se jkunu rregolati mir-regoli dwar il-migrazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Il-kumpaniji tal-UE li jixtiequ jirreklutaw iċ-ċittadini tar-Renju Unit se jkollhom isegwu r-regoli rilevanti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi tal-Unjoni u l-Istati Membri rispettivi tagħhom.

Għal dawk iċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw xi forma ta' mobbiltà skont ir-reġim il-ġdid tar-Renju Unit, il-koordinazzjoni attwali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali prevista mir-regolamenti tal-Unjoni mhux se tibqa' tapplika. L-istess jgħodd għal ċittadini tar-Renju Unit fl-UE, sakemm ma jkunux koperti minn regoli speċifiċi tal-Unjoni relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Mhux se jkun hemm l-istess protezzjoni ta' sigurtà soċjali transfruntiera bħal taħt ir-regoli attwali tal-Unjoni, peress li r-regoli tal-Unjoni mhux se jibqgħu japplikaw. Anki f'każ ta' ftehim ta' sħubija futur mar-Renju Unit, ċerti drittijiet ta' sigurtà soċjali biss setgħu potenzjalment jiġu żgurati. It-termini eżatti li se japplikaw jiddependu fuq l-eżitu tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit dwar is-sħubija futura, pereżempju dwar l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa jew id-drittijiet tal-pensioni.

F. Id-dritt tal-kumpaniji u d-dritt ċivili

F.1. Kumpaniji rreġistrati fir-Renju Unit

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku, li jinkludi l-libertà fundamentali ta' stabbiliment. Għalhekk, bħalissa, kumpanija tista' tiġi rreġistrata fir-Renju Unit filwaqt li jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew il-post prinċipali tan-negozju fi Stat Membru tal-UE.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit se jkunu kumpaniji ta' pajjiżi terzi u mhux se jkunu awtomatikament rikonoxxuti skont l-Artikolu 54 tat-TFUE. Ir-rikonoxximent tagħhom se jsir soġġett għal-liġi nazzjonali għal kumpaniji inkorporati ta' pajjiżi terzi.

Fergħat fl-Istati Membri tal-UE ta' kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit se jkunu fergħat ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi. Il-kumpaniji sussidjarji tal-kumpaniji tar-Renju Unit fl-Unjoni huma, fil-prinċipju, kumpaniji tal-UE u se jkomplu jkunu koperti mil-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni u nazzjonali.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

F'każ li kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit jixtiequ jsiru kumpaniji tal-UE, għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jinkorporaw fi Stat Membru tal-UE.

F.2. Għażla kuntrattwali tal-ġuriżdizzjoni

Matul il-perjodu tat-tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem f'elementi taż-żona ġudizzjarja ċivili Ewropea²⁷. Għalhekk, attwalment, sentenzi kemm f'materji ċivili kif ukoll kummerċjali li jingħataw minn qorti tar-Renju Unit huma infurzabbli malajr fl-Unjoni Ewropea. Fil-prattika, il-kuntratti kummerċjali spiss jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tar-Renju Unit għal litigazzjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-regoli tal-Unjoni li jiffaċilitaw ir-rikonoximent u l-infurzar transkonfinali tas-sentenzi fl-UE u fir-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni mhux se jibqgħu japplikaw²⁸. Jekk ir-Renju Unit jaderixxi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum b'mod separat wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, din il-Konvenzjoni tapplika biss għar-rikoxximent u l-infurzar ta' sentenzi mogħtija minn qrat indikati fi ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-forum li ġew konklużi wara li r-Renju Unit ikun sar parti minn dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, għalissa, ir-rikonoximent u l-infurzar tas-sentenzi tar-Renju Unit sejkunu rregolati mir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoximent/l-eżekuzzjoni.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negozji kollha jingħataw il-parir li jikkunsidraw din is-sitwazzjoni meta jivvalutaw l-għażiex kumtrattwali ta' ġuriżdizzjoni internazzjonal.

In-negozji għandhom ikunu konxji li s-sentenzi mogħtija minn qorti tar-Renju Unit jistgħu ma jkunux aktar infurzabbli malajr fl-Unjoni Ewropea meta mqabbla mas-sitwazzjoni tal-lum.

G. Aspetti oħra: id-data, id-drittijiet diġitali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali

G.1. Il-proprjetà intellettuali

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jieħu sehem fis-Suq Uniku tal-UE. Għalhekk, attwalment, detentur ta' dritt ta' proprjetà intellettuali, bħal trademark tal-Unjoni Ewropea, ma jistax jinvoka tali trademark biex jopponi l-konsenza tal-merkanzija mir-Renju Unit lejn l-Unjoni Ewropea, sakemm il-merkanzija tkun tqiegħdet fuq is-suq tar-Renju Unit taħt dik it-trademark mid-detentur tad-dritt jew bil-kunsens tiegħu (“prinċipju ta' eżawriment” tad-drittijiet mogħtija mid-dritt ta’ proprjetà intellettuali), u viċi versa.

Mill-1 ta' Jannar 2021, in-negożjanti fl-Unjoni Ewropea ma jistgħux jibqgħu jinvokaw l-eżawriment fil-konfront tad-detenturi tad-drittijiet meta jixtru prodotti mir-Renju Unit.

²⁷ Filwaqt li r-Renju Unit qed ikompli japplika l-politika tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa gawda d-dritt ta' nonparteċipazzjoni f'dan il-qasam u qatt ma għażeł li jipparteċipa fl-strumenti kollha fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali.

²⁸ Ta' min jinnota wkoll li, mill-1 ta' Jannar 2021, il-pjattaforma tal-UE għas-Soluzzjoni Onlajn għat-Tilwim (ODR) mhux se tkun disponibbli aktar għas-soluzzjoni extraġudizzjarja tat-tilwim bejn il-konsumaturi li jirrisjedu fl-Unjoni Ewropea u n-negożjanti stabbiliti fir-Renju Unit.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negozji involuti f'kummerċ parallel mir-Renju Unit għandhom jerġgħu jżuru l-arranġamenti kummercjalji tagħhom.

Barra minn hekk, **mill-1 ta' Jannar 2021**, filwaqt li d-drittijiet tal-proprietà intellettuali tal-UE eżistenti (trademarks tal-UE, disinji Komunitarji, drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti u indikazzjonijiet ġeografiċi) jibqgħu protetti skont il-Ftehim dwar il-ħtruġ, kwalunkwe dritt unitarju ġdid tal-UE sejkollu kamp ta' applikazzjoni territorjali mnaqqas minħabba li mhux se jibqa' jkollhom effett fir-Renju Unit²⁹.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

Il-partijiet ikkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni fir-Renju Unit ta' drittijiet ta' proprietà intellettuali futuri, fejn rilevanti.

G.2. Trasferimenti u protezzjoni tad-data

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit huwa marbut mill-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni. Għalhekk, bħalissa, id-data personali tista' tiġi trażmessha mill-Unjoni Ewropea lir-Renju Unit mingħajr restrizzjonijiet.

Mill-1 ta' Jannar 2021, it-trasferimenti ta' *data* personali lejn ir-Renju Unit jistgħu jkomplu, iżda se jkollhom jikkonformaw ma' regoli u salvagwardji speċifiċi tal-Unjoni relatati mat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, kif stabbilit fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)³⁰ jew fid-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi³¹.

B'mod partikolari, il-Kapitolu V tal-GDPR jipprevedi għadd ta' għodod li jiżguraw li, meta tiġi trasferita *data* personali lil pajjiżi terzi, il-livell ta' protezzjoni ta' persuni fiżiċi garantiti fi ħdan l-Unjoni, ma jiġix imminat. Fost dawk l-ħodod, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta deċiżjoni unilaterali “ta' adegwatezza”, abbażi tal-Artikolu 45 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, jekk tqis li l-pajjiż terz joffri livell adegwat ta' protezzjoni tad-data.

Kif enfasizzat fid-Dikjarazzjoni Politika,³² l-UE se tuża l-aħjar sforzi tagħha biex tikkonkludi l-valutazzjoni tar-reġim tar-Renju Unit sa tmiem l-2020 bil-ħsieb li possibbilment tiġi adottata deċiżjoni jekk ir-Renju Unit jissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli. Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq din il-valutazzjoni u organizzat għadd ta' laqgħat tekniċi mar-Renju Unit biex tiġbor l-

²⁹ Id-drittijiet unitarji eżistenti huma salvagwardjati fir-Renju Unit skont l-Artikoli 54 u 57 tal-Ftehim dwar il-ħtruġ billi jiġu konvertiti fi drittijiet tar-Renju Unit.

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679,

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1594051658864&uri=CELEX:32016R0679>

³¹ Id-Direttiva (l-Unjoni) 2016/680, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32016L0680>

³² Ara l-Parti I.B dwar “Protezzjoni tad-data” tat-Test Rivedut tad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif miftiehem fil-livell tan-negożjaturi fl-17 ta' Ottubru 2019, ĠU C34, 31 ta' Jannar 2020, 1–16.

informazzjoni sabiex tinforma l-proċess. Min-naħa tar-Renju Unit, l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tiegħu kkonferixxa l-adegwatezza lill-Istati Membri tal-UE sa tmiem l-2024, bil-ħtieġa li jerġa' jiġi eżaminat sa dik id-data.

Pariri lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri

In-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ta' kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali lejn ir-Renju Unit mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*Data*, irrisspettivament mix-xenarju fejn se tittieħed deċiżjoni ta' adegwatezza tal-UE fir-rigward tar-Renju Unit. Il-konformità tista' tinkiseb billi jkun hemm fis-seħħi salvagwardji xierqa kif previst mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, inklużi regoli korporattivi vinkolanti, jew permezz ta' derogi speċifiċi.

G.3. Isem tad-dominju .eu

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-Unjoni dwar l-ismijiet tad-dominju tal-ogħla livell.eu tapplika fir-rigward tar-Renju Unit. In-negozji stabbiliti fir-Renju Unit u ċ-ċittadini u r-residenti tar-Renju Unit jibqgħu eliġibbli biex jirreġistraw u jżommu isem tad-dominju tad-.eu.

Mill-1 ta' Jannar 2021, in-negozji li huma stabbiliti fir-Renju Unit, iżda mhux fl-Unjoni Ewropea, u r-residenti tar-Renju Unit li mhumiex ċittadini tal-UE mhux se jibqgħu eliġibbli biex jirreġistraw jew biex ikollhom ismijiet ta' dominji .eu.

Jekk dawn il-persuni ma jkunux jistgħu juru li huma għadhom eliġibbli biex ikunu detenturi ta' ismijiet tad-dominju .eu, l-ismijiet tad-dominju tagħhom se jiġu rtirati³³ wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fir-Renju Unit se jkunu jistgħu jżommu l-ismijiet tad-dominji, jew jirreġistraw oħrajn ġodda, anki wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

H. Ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jibqā' marbut bi ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea informat lis-sħab internazzjonali tagħha li r-Renju Unit huwa trattat, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, bħala Stat Membru, għall-finijiet ta' dawk il-ftehimiet.

Mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit mhux se jibqā' kopert mill-ftehimiet konkużi mill-Unjoni, mill-Istati Membri li jaġġixxu f'isem l-Unjoni, jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha b'mod konġunt. L-Unjoni Ewropea informat lis-sħab internazzjonali tagħha dwar il-konseguenzi tal-

³³ Isem ta' dominju rtirat mhux aktar funzionijiet. Ma jkunx jista' jappoġġja aktar kwalunkwe servizz attiv, bħal siti web jew emails.

ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni permezz ta' "Note Verbale" mibgħuta wara l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-ħruġ³⁴.

B' konsegwenza ta' dan, ir-Renju Unit, inklużi ċ-ċittadini tar-Renju Unit u l-operaturi ekonomiċi, mhux se jkunu jistgħu jibqgħu jibbenefikaw minn diversi mijiet ta' ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni bħall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles, il-ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku, il-ftehimiet veterinarji jew il-ftehimiet bilaterali relatati mat-trasport bl-ajru jew mas-sikurezza tal-avjazzjoni. In-negozji stabbiliti fl-Unjoni se jkomplu jibbenefikaw mill-ftehimiet internazzjonali kollha eżistenti tal-Unjoni.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-istatus tar-Renju Unit fir-rigward tal-ftehimiet multilaterali li jkun parti fihom għan-nom tiegħu stess. Pereżempju, ir-Renju Unit se jibqa' membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għan-nom tiegħu stess u se jkun kopert mill-ftehimiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward b'mod partikolari tal-koċċessjonijiet u l-impenji tiegħu rigward il-kummerċ fl-oġġetti, servizzi jew drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

³⁴ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/model-note-verbale-international-partners_en.pdf

III. It-tħejjija għal kwalunkwe xenarju

Il-bidliet deskritti fil-parti II ta' din il-Komunikazzjoni se jseħħu fi kwalunkwe każ, kemm jekk I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit jaqblu dwar sħubija ġdida ambizzjuż sal-31 ta' Diċembru 2020, u kemm jekk le.

Madankollu huwa ċar li jekk ma jintlaħaqx ftehim, dan iwassal għal tfixkil li jkun aktar estensiv mill-bidliet deskritti fil-parti II. F'każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim, it-tariffi tan-“Nazzjon I-Aktar Iffavorit” ta’ kull naħħa jkunu japplikaw għall-esportazzjonijiet minn naħħa l-oħra; jiġifieri ogħġetti importati mir-Renju Unit lejn I-Unjoni jkunu imposti t-“Tariffa Doganali Komuni” tal-UE, filwaqt li ogħġetti importati mill-Unjoni fir-Renju Unit ikunu soġġetti għal tariffi tar-Renju Unit³⁵.

Din il-Komunikazzjoni ma tfittixx li tippreġudika l-eżitu tan-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit. F'dan ir-rigward, l-enfasi ewlenija tagħha hija fuq kwistjonijiet li bħalissa mħumiex qed jiġu nnegozjati. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dan iħalli inċertezza konsiderevoli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, iċ-ċittadini, in-negozji u partijiet ikkonċernati oħra fl-ekonomija u s-soċjetà. Eżempju ta’ tali inċertezza huwa dak li se jiġi bil-parteċipazzjoni possibbli tar-Renju Unit f’Erasmus+ u f’Orizzont Ewropa minn Jannar 2021. Huwa biss ir-riżultat ta’ negozjati li jkunu għadhom għaddejjin li jistgħu jneħħu din l-inċertezza.

Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ ftehim dwar sħubija ġdida sal-31 ta’ Diċembru 2020 ikunu sinifikanti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li x-xenarju ta’ “ebda ftehim” fuq ir-relazzjoni futura jkun differenti mix-xenarju ta’ “ebda ftehim” matul in-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, u dan għal diversi raġunijiet:

1. L-ewwel nett, **il-Ftehim dwar il-ħruġ jipprovd ċertezza legali** f'għadd ta’ oqsma importanti fejn il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ħoloq inċertezza. Dan jinkludi l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, is-saldu finanzjarju, l-istabbiliment ta’ soluzzjoni operattiva legali biex tiġi evitata fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda, il-protezzjoni kontinwa tal-istokk tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali unitarji tal-UE (inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi eżistenti), u dispożizzjonijiet għall-istralċ ordnat tal-proċeduri kollha li għaddejjin bejn I-UE u r-Renju Unit (ara I-Kaxxa).
2. It-tieni nett, **il-perjodu ta’ tranżizzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar il-ħruġ jipprovd i-l-partijiet ikkonċernati b’ħin addizzjonal, għalkemm limitat, ħin biex iħejju ruħhom għal kwalunkwe xenarju, inkluż wieħed fejn ma jkun hemm qbil dwar sħubija futura fis-seħħi fl-1 ta’ Jannar 2021.**

³⁵ Ir-Renju Unit ippubblika informazzjoni dwar it-Tariffa Globali l-ġdida tiegħu tar-Renju Unit li tkun applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2021 anki għal ogħġetti tal-UE f’każ li ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn I-UE u r-Renju Unit. <https://www.gov.uk/guidance/uk-tariffs-from-1-january-2021>

3. It-tielet, għadd limitat ta' **miżuri leġiżlattivi tal-Unjoni adottati fl-2019 fid-dawl ta' tħejjija għal kwalunkwe xenarju f'termini tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, se jibqgħu fis-seħħi jew isiru applikabbli fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.** Dawn jinkludu, pereżempju, l-elenkar tar-Renju Unit bħala pajjiż terz li ċ-ċittadini tiegħu huma eżentati mir-rekwiżit tal-viża għal soġġorni għal żmien qasir, kif ukoll it-tqassim tal-kwoti tar-rata tariffarja tad-WTO (TRQs) bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit.

Filwaqt li tqis dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni u se tagħmel ħilitha biex tħares l-interessi tal-Unjoni Ewropea, taċ-ċittadini tagħha u tal-ekonomija tagħha fi kwalunkwe xenarju.

KAXXA: Il-Ftehim dwar il-Ħruġ, inkluż il-Protokoll dwar I-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ konkluż bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit daħal fis-seħħi fl-1 ta' Frar 2020.

Huwa jinkludi dispożizzjonijiet dettaljati li għandhom l-għan li jillimitaw l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u s-Suq Uniku tagħha u I-Unjoni Doganali, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

Id-drittijiet taċ-ċittadini: Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu legalment skont id-dritt tal-Unjoni fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll taċ-ċittadini tar-Renju Unit li jirrisjedu legalment skont id-dritt tal-Unjoni f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE fl-istess ħin, u tal-membri tal-familja tagħhom, biex ikomplu jgħixu, jistudjaw u jaħdmu fl-Istat ospitanti rispettiv tagħhom³⁶.

Saldu finanzjarju: Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li r-Renju Unit u I-Unjoni Ewropea se jonoraw l-obbligi finanzjarji kollha li ħadu meta r-Renju Unit kien membru tal-Unjoni Ewropea, anki għal impenji li jwasslu għan-nefqa attwali li tokkorri wara I-2020³⁷.

Protokoll dwar I-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq: Il-Protokoll dwar I-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq se jsir applikabbli fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jirrappreżenta soluzzjoni stabbli li se tkompli tapplika flimkien ma' kwalunkwe ftehim dwar is-sħubija futura, soġġett għall-kunsens futur tal-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq għall-applikazzjoni kontinwa tiegħu.

³⁶ Għal informazzjoni dettaljata, ara n-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni (2020/C 173/01) dwar il-Parti II tal-Ftehim dwar il-Ħruġ

[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020XC0520\(05\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020XC0520(05)&from=MT)

³⁷ L-Artikolu 138 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, fir-rigward tal-implementazzjoni tal-programmi u l-aktivitajiet tal-Unjoni mwettqa skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020 jew il-perspettivi finanzjarji preċedenti, il-liġi tal-Unjoni applikabbli tkompli tapplika għar-Renju Unit wara I-31 ta' Diċembru 2020 sal-għeluq ta' dawk il-programmi u l-aktivitajiet tal-Unjoni. Il-parċeċċipazzjoni tar-Renju Unit fi programmi futuri tiddeppendi fuq il-ftehim ta' sħubija ġdida sakemm il-programm ma jippermettix eċċeżzjonalment il-parċeċċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u l-entitajiet tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' ftehim.

Dan jiprovoi soluzzjoni legalment operattiva li tevita fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda, tipproteġi l-ekonomija tal-gżejjer kollha u l-Ftehim tal-Ġimġħa l-Kbira (Belfast) fid-dimensionijiet kollha tagħha, u tissalvagwardja l-integrità tas-Suq Uniku tal-UE kif ukoll tas-suq intern tar-Renju Unit.

F'konformità ma' dan il-Protokoll, l-Irlanda ta' Fuq se tibqa' allinjata ma' sett limitat ta' regoli tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-oġġetti, u l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ir-regoli tal-VAT u s-sisa se japplikaw għall-oġġetti kollha li jidħlu jew jitilqu mill-Irlanda ta' Fuq. Dan jevita kwalunkwe verifika doganali u kontrolli fuq il-gżira tal-Irlanda.

Il-verifikasi u l-kontrolli se jsiru fuq oġġetti li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq mill-bqija tar-Renju Unit, pereżempju fuq prodotti tal-ikel u annimali ħajjin biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji ("SPS"). L-oġġetti kollha li jidħlu jew jitilqu mill-Irlanda ta' Fuq iridu jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli u l-standards rilevanti tal-Unjoni.

Id-dazji doganali tal-UE se japplikaw għal oġġetti li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq sakemm il-Kumitat Konġunt ma jistabbilixx qafas ta' kundizzjonijiet li fihom dawn l-oġġetti jitqiesu li mhumiex f'riskju li jidħlu fis-suq uniku tal-UE. Abbażi ta' tali qafas, l-ebda dazji doganali ma jitħallsu jekk ikun jista' jintwera li l-oġġetti li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq mill-bqija tar-Renju Unit ma jkunux f'riskju li jidħlu fis-Suq Uniku tal-UE.

Il-formalitajiet u l-proċeduri doganali tal-Unjoni se japplikaw għal oġġetti li jidħlu jiddaħħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn barra l-UE jew li jiġu esportati mill-Irlanda ta' Fuq.

Ir-regoli tal-UE dwar il-VAT u s-sisa japplikaw għal oġġetti li jidħlu (jew joħorġu) mill-Irlanda ta' Fuq minn (jew lejn) il-bqija tar-Renju Unit.

Kwistjonijiet marbuta mas-separazzjoni: Il-Ftehim dwar il-ħruġ jiżgura wkoll stralċ ordnat tal-arranġamenti eżistenti fir-rigward ta' kwistjonijiet li jkunu għaddejjin fiż-żmien tal-ħruġ:

- huwa jippermetti li l-merkanzija mqiegħda fis-suq qabel tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni jibqgħu jsiru disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit sakemm jaslu għand l-utent finali tagħhom, mingħajr ħtieġa ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, tikkettar mill-ġded jew modifikasi tal-prodott;
- huwa jipprevedi proċessi għall-ġestjoni u t-terminazzjoni ta' movimenti fi ħdan l-Unjoni ta' oġġetti, proċeduri doganali li għadhom għaddejjin kif ukoll kwistjonijiet tal-VAT u tas-sisa;
- huwa jiproteġi d-drittijiet ta' proprijetà intellettuali, inkluż l-istokk eżistenti ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE;
- huwa jkopri l-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jkunu għaddejjin fil-mument ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jiggantixxi d-drittijiet ta' dawk ikkonċernati mill-proċeduri skont il-liġi tal-Unjoni;
- huwa jinkludi dispożizzjonijiet għall-istralċ ta' kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.
- huwa jinkludi dispożizzjonijiet għall-istralċ ta' proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji (eż. għajnuna mill-istat u każijiet ta' ksur);

- huwa jindirizza l-użu ta' *data* u informazzjoni skambjati qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jiġura li d-*data* ttrasferita qabel tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni tibqa' protetta skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet previsti mil-liġi tal-Unjoni;
- huwa jipprovdi għall-iskonnessjoni tar-Renju Unit minn networks, sistemi ta' informazzjoni u bażiġiet ta' *data* stabbiliti abbażi tal-liġi tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni, b'mod partikolari dawk in-networks li huma aċċessibbli biss għall-Istati Membri tal-Unjoni jew għall-pajjiżi assoċjati ta' Schengen;
- huwa jittratta l-kooperazzjoni ġudizzjarja li għadha għaddejja dwar kwistjonijiet kummerċjali sabiex jiġi żgurat li wieħed ikun jista' joqgħod fuq sentenzi tal-qorti;
- huwa jindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mat-tluq tar-Renju Unit mill-Euratom.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ġie stabbilit il-Kumitat Konġunt, li jissorvelja l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Huwa kopresedut mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Maroš Šefčovič u mill-Kanċillier tad-Dukat ta' Lancaster tar-Renju Unit, l-Onorevoli Michael Gove u Itaqqa' darbtejn (permezz ta' telekonferenza), fit-30 ta' Marzu u fit-12 ta' Ġunju 2020. Il-Kumitat Speċjalizzati dwar Ġibiltà, dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, dwar id-Dispożizzjonijiet Finanzjarji, dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovana f'Ċipru u dwar il-Protokoll dwar I-Irlanda / I-Irlanda ta' Fuq bdew ħidmiethom.

IV. Konklużjoni: it-tlestija hija essenziali

L-Unjoni Ewropea se tagħmel l-almu tagħha biex tilħaq ftehim futur ambizzjuż mar-Renju Unit.

Madankollu, din il-Komunikazzjoni turi li, anki fil-każ tal-aktar sħubija futura ambizzjuż – abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Unjoni Ewropea għal sħubija ġidha mar-Renju Unit,³⁸ adottati fil-25 ta' Frar 2020, u abbażi tal-abbozz tat-test dwar il-Ftehim dwar is-Sħubija Ġdida bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit,³⁹ ippubblikat fis-17 ta' Marzu 2020 – **se jkun hemm bidliet u konsegwenzi estensivi u awtomatiċi għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-investituri, l-istudenti u r-riċerkaturi mill-1 ta' Jannar 2021.**

Dawn il-bidliet huma inevitabbi – ikun x'ikun l-eżitu tan-negożjati li għaddejjin – minħabba d-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, mis-Suq Uniku tagħha u mill-Unjoni Doganali. Il-moviment liberu ta' persuni, oġġetti u servizzi kif previst mil-liġi tal-Unjoni ma jibqax japplika fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan se jkollu effetti fuq firxa wiesgħa b'mod partikolari għall-kummerċ transfruntier tal-prodotti u s-servizzi, kif ukoll għall-mobbiltà tan-nies.

Għalhekk, il-Kummissjoni tappella lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, liċ-ċittadini, lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħra biex jiżguraw li jkunu lesti għal dawn il-bidliet inevitabbi. Innuqqas li jittieħdu miżuri ta' tħejjija se jżid l-impatt negattiv u l-ispejjeż għall-operazzjonijiet tagħhom fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Fl-aħħar mill-aħħar, huwa f'idejn in-negożji u l-partijiet ikkonċernati l-oħrajn li jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom stess u jimplimentaw l-azzjonijiet ta' tħejjija tagħhom stess fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tagħhom, iżda l-ebda wieħed ma għandu jissottovaluta l-isfidi loġistiċi li se jseħħu mill-1 ta' Jannar 2021, minbarra l-bidliet legali deskritt f'din il-Komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex ikomplu l-attivitàajiet nazzjonali tal-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni li jinkora għixxu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-partijiet ikkonċernati biex jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-istat tat-tlestija. Jeħtieġ li dawn l-isforzi jiġu adattati għas-sitwazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri individwali. Matul ix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri kollha sabiex tirrevedi l-istat tat-tlestija tagħhom għall-aspetti kollha, u tiffaċilita l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni mill-amministrazzjonijiet pubbliċi lejn il-partijiet ikkonċernati.

³⁸ <https://www.consilium.europa.eu/media/42736/st05870-ad01re03-en20.pdf>

³⁹ L-abbozz tat-test tal-Ftehim dwar is-Sħubija l-Ġdida bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, ippubblikat fis-17 ta' Marzu 2020, ara: https://ec.europa.eu/info/publications/draft-text-agreement-new-partnership-united-kingdom_en

Il-partijiet ikkonċernati huma mistiedna wkoll jikkonsultaw l-avviżi li ġew ippubblikati matul in-negożjati dwar l-Artikolu 50 mar-Renju Unit u biex jikkonsultaw il-paġni web dwar l-istat ta' tħejjija tal-Kummissjoni għal aktar aġġornamenti tal-avviżi ta' tħejjija preċedenti. Il-Kummissjoni se taħdem mal-assoċjazzjonijiet rilevanti kollha tal-partijiet interessati biex tiġbed l-attenzjoni tagħhom għal din l-informazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tappella lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, tan-negożji u tal-kummerċ kollha, kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk Ewropej, biex jiżguraw li l-membri tagħhom ikunu kompletament konxji mill-bidliet li se jseħħu irrispettivament mir-relazzjoni futura mar-Renju Unit.

Anness 1: Lista ta' Avviżi Aġġornati dwar I-Istat tat-Tlestija għal tmiem it-tranżizzjoni

Id-59 avviż dwar I-istat tat-tlestija ġew ippubblikati mis-16 ta' Marzu 2020 bil-ħsieb li jiġu apoġġati t-tħejjijiet tal-partijiet ikkonċernati għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dawn jinsabu hawn: <https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period>

Il-lista se tkompli tiġi aġġornata fuq bażi regolari hekk kif isiru disponibbli avviżi ġodda.

- It-trasport bl-ajru
- It-tnissil tal-annimali (żooteknika)
- It-trasport ta' annimali.
- L-immaniġġjar tal-assi
- Is-servizzi tal-midja awdjobiżiva
- L-avjazzjoni u s-sigurtà marittima
- Is-sikurezza tal-avjazzjoni
- Is-servizzi bankarji u ta' pagament
- Il-prodotti bijocidalji
- Il-kimiċi (REACH)
- Il-provi kliniċi
- Id-dritt soċjetarju
- Il-protezzjoni tal-konsumatur u drittijiet tal-passiġġieri
- Id-drittijiet tal-awtur
- Il-prodotti kożmetiċi
- L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu
- Il-protezzjoni tad-data
- Il-kummerċ elettroniku
- Il-firma elettronika (l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi)
- Il-komunikazzjoni elettronika, inkluż ir-roaming
- Is-sistema għall-iskambju tal-emissjonijiet
- L-ismijiet tad-dominju .eu
- L-ekotikketta tal-UE
- Il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlilijiet
- Id-dazji tas-sisa
- Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali
- L-għalf
- Il-liġi dwar I-ikel
- L-organiżmi ġenetiċkament modifikati
- L-imblukkar ġeografiku
- L-indikazzjonijiet ġeografiċi
- Il-prattika tajba tal-laboratorju (GLP)
- Il-prodotti industrijni
- “Speċijiet aljeni invażivi”
- It-trasport marittimu

- Il-prodotti mediċinali (l-użu uman, veterinarju)
- Il-moviment ta' animali ħajjin
- L-ilmiċiet minerali naturali
- Ix-xiri online u l-kunsinna sussegwenti tal-pakketti
- Produzzjoni organika
- Is-saħħha tal-pjanti
- Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
- Il-materjal riproduttiv tal-pjanti
- Id-drittijiet fuq varjetajiet ta' pjanti
- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-importazzjoni/esportazzjoni (inklużi liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni)
- Il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla
- L-oġġetti pirotekniċi
- It-trasport bil-ferrovija
- Id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-opri tal-baħar personali
- Is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni
- Ir-riċiklaġġ tal-vapuri
- Is-sustanzi tal-oriġini umana (demm, tessuti u ċelluli, organi)
- Iċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni għal prodotti mediċinali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
- Il-prodotti tat-tabakk
- It-trademarks u d-diżinji
- Apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr
- Value Added Tax (VAT – Oġġetti)
- Value Added Tax (VAT – Servizzi)
- Il-vjeġġi tal-iskart

